**Minuti**

**Seduta Nru. 25/2016**

Data: L-Erbgħa, 31 ta' Awwissu 2016

Ħin: 6:00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

Preżenti: Sur Matthew Mangion – *Chairperson*
Sra Deborah Galea – Viċi Chairperson
Sur Owen Patrick Attard– Membru
Sur Mawel Galea

Skużat Sur Jimmy Zahra – *Membru*

*Sjr Karen Camilleri – Aġent Segretarju Eżekuttiv*

---

Il-laqgħa bdiet fis-18:00 permezz ta' talba miċ-Chairperson.

1. **Minuti**

435 Il-Kumitat approva l-minuti tas-seduta 24/2016 kif moqrija.

2. **Punti mqajma mill-Minuti**

Ic-Chairman Matthew Mangion talab li tintbagħat talba għal-laqgħa mas-Sur Silvio Scerri, Chief Officer ta' Transport Malta sabiex jiġu ndirizzati t-talbiet tal-Kumitat Amministrattiv.

Ic-Chairman staqsa fhiex wasal il-Proġett tal-Bandli. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Emanuel Brincat qed jieħu ħsieb.

Ic-Chairman infurma lill-membri li t-traffic lights ta' Triq il-Wied issa twaħħlu.

Il-membru Owen Patrick Attard staqsa jekk il-madum tat-taraġ twaħħalx. Ic-Chairman qal li mar fuq il-post u ma rax madum maqlugħ.

**3. Ħwejjeġ Oħra**

Ic-Chairman Matthew Mangion issuġġerixxa li t-trejqa fi Triq Ġorġ Borg għall-Parroċċa San Ġorġ Preca jsir dawl adegwat. Diġa hemm arblu tad-dawl f'għalqa, jista' jsir id-dawl miegħu. Għaldaqstant sar qbil li ssir talba lill-Kunsill Lokali B'Kara.

Tqajjem il-punt dwar l-art fi Triq is-Sissla, fejn kien hemm pjan li jinbeda l-proġett mis-Segretarjat għall-Familja, iżda kellhom jiġu revised il-pjanti. Għaldaqstant sar qbil li tintbagħat korrispondenza lis-Sur Tony Ellul sabiex ikollna update tal-Proġett fejn wasal. Ic-Chairman qal li hu kien attenda għal meeting mas-Sindku ta' B'Kara rigward dan il-proġett.

Il-Viċi Chairman, is-Sjra Deborah Galea infurmat lill-membri li kellha risposta mingħand is-St Martin's College fejn ġiet infurmata li mit-Tnejn sal-Ġimgħa l-ground ma jkunx jista' jintuża għax sat-8.00p.m. ikun dejjem meħud. L-unika availibility li hemm huwa nhar ta' Sibt u Ħadd. Il-membri ssuġġerew li t-tournament isir is-Sibt filgħodu għaliex is-Sibt filgħaxija ma jkunx hemm konkorrenza. Is-Sinjura Galea infurmat li għar-referees se jsir kuntatt mal-istudenti tal-P.E.

**4. Aġġornament**

Il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 28 ta' Settembru 2016 fis-6:00pm.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

Matthew Mangion
*Chairperson*

Karen Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data tal-approvazzjoni: ______________________